

**Dispożittiv**

(1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

(2) *Ergo Versicherungsgruppe AG hija kkundannata għall-ispejjeż.*

(<sup>1</sup>) ĠU C 180, 01.08.2009.

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-13 ta' Lulju 2011 — Evonik Industries vs UASI (Rettangolu bil-kulur porpra b'naħa konvessa)**

(Kawża T-499/09) (<sup>1</sup>)

*(Trade mark Komunitarja — Applikazzjoni għal trade mark Komunitarja figurattiva li tirrappreżenta rettangolu bil-kulur porpra b'naħa konvessa — Raġuni assoluta għal rifjut — Nuqqas ta' karattru distintiv — Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009)*

(2011/C 269/105)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

**Partijiet**

Rikorrenti: Evonik Industries AG (Essen, il-Ġermanja) (rappreżentant: J. Albrecht, avukat)

*Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentanti: inizjalment minn S. Stürmann, sussegwentement minn S. Stürmann u G. Schneider, sussegwentement minn S. Stürmann u R. Manea, aġenti)*

**Suġġett**

Rikors kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-UASI tat-2 ta' Ottubru 2009 (Każ R 491/2009-4), li tikkonċerna applikazzjoni għar-regiŝtrazzjoni ta' rettangolu bil-kulur porpra b'naħa konvessa bħala trade Komunitarja.

**Dispożittiv**

(1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

(2) *Evonik Industries AG hija kkundannata għall-ispejjeż.*

(<sup>1</sup>) ĠU C 37, 13.2.2010.

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-13 ta' Lulju 2011 — Inter IKEA Systems vs UASI — Meteor Controls (GLÄNSA)**

(Kawża T-88/10) (<sup>1</sup>)

*(“Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja verbali GLÄNSA — Trade mark Komunitarja verbali preċedenti GLANZ — Raġuni relattiva għal rifjut — Probabbiltà ta' konfużjoni — Xebh bejn is-sinjali — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009”)*

(2011/C 269/106)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

Rikorrenti: Inter IKEA Systems BV (Delft, il-Pajjiżi l-Baxxi) (rappreżentant: J. Gulliksson, avukat)

*Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: R. Pethke, aġent)*

*Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI: Meteor Controls International Ltd (Cookstown, ir-Renju Unit)*

**Suġġett**

Rikors kontra d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-UASI tal-1 ta' Diċembru 2009 (Każ R 529/2009-2), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Meteor Controls International u Inter IKEA Systems BV.

**Dispożittiv**

(1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

(2) *Inter IKEA Systems BV hija kkundannata għall-ispejjeż.*

(<sup>1</sup>) ĠU C 113, 01.05.2010.

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-14 ta' Lulju 2011 — ratiopharm vs UASI — Nycomed (ZUFAL)**

(Kawża T-222/10) (<sup>1</sup>)

*(“Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja verbali ZUFAL — Trade mark Komunitarja verbali preċedenti ZURCAL — Raġuni relattiva għal rifjut — Probabbiltà ta' konfużjoni — Xebh tas-sinjali — Xebh tal-prodotti — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 — Restrizzjoni tal-prodotti indikati fl-applikazzjoni għal trade mark — Artikolu 43(1) tar-Regolament Nru 207/2009”)*

(2011/C 269/107)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

**Partijiet**

Rikorrenti: ratiopharm GmbH (Ulm, il-Ġermanja) (rappreżentant: S. Völker, avukat)

**Konvenut:** L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: B. Schmidt, aġent)

*Parti oħra fil-kawża quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali:* Nycomed GmbH (Konstanz, il-Ġermanja) (rappreżentant: A. Ferchland, avukat)

### Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-UASI tat-12 ta' Marzu 2010 (Każ R 874/2008-4), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Nycomed GmbH u ratiopharm GmbH.

### Dispożittiv

(1) Ir-rikors huwa miċħud.

(2) ratiopharm GmbH hija kkundannata għall-ispejjeż.

(<sup>1</sup>) ĠU C 195, 17.07.2010.

### Digriet tal-President tal-Qorti Ġenerali tat-12 ta' Lulju 2011 — Emme vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-422/10 R)

*(“Miżuri provviżorji — Kompetizzjoni — Deċiżjoni tal-Kummissjoni li timponi multa Garanzija bankarja — Talba għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni — Dannu finanzjarju — Nuqqas ta' ċirkustanzi eċċezzjonali — Nuqqas ta' urġenza”)*

(2011/C 269/108)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

### Partijiet

**Rikorrenti:** Emme Hodling SpA (Pescara, l-Italja) (rappreżentanti: G. Visconti, E. Vassallo di Castiglione, M. Siragusa, M. Beretta u P. Ferrari, avukati)

**Konvenuta:** Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: B. Gençarelli, V. Bottka u P. Manzini, aġenti)

### Suġġett

Talba għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tal-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni C(2010) 4387 finali, tat-30 ta' Ġunju 2010, dwar proċedura skont l-Artikolu 101 TFUE u l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE (Każ COMP/38.344 — Azzar użat għall-prestressing), u talba għal eżenzjoni mill-obbligu li jipprovdur garanzija bankarja sabiex jiġi evitat irkupru immedjat tal-multa imposta skont l-Artikolu 2 tal-imsemmija deċiżjoni.

### Dispożittiv

(1) It-talba għal miżuri provviżorji hija miċħuda

(2) L-ispejjeż huma rriżervati.

### Digriet tal-President tal-Qorti Ġenerali tat-13 ta' Lulju 2011 — SIR vs Il-Kunsill

(Kawża T-142/11 R)

*(“Miżuri provviżorji — Politika barranija u tas-sigurtà komuni — Miżuri restrittivi meħuda minħabba s-sitwazzjoni fil-Côte d'Ivoire — Iffriżar ta' fondi — Talba għal sospensjoni tal-eżekuzzjoni — Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni fil-kawża prinċipali — Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni”)*

(2011/C 269/109)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

### Partijiet

**Rikorrenti:** Société ivoirienne de raffinage (SIR) (Abidjan, Côte d'Ivoire) (rappreżentant: M. Ceccaldi, avukat)

**Konvenut:** Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: B. Driessen u A. Vitro, aġenti)

### Suġġett

Talba għal miżuri provviżorji intiża sabiex, b'mod konformi mal-Artikolu 278 TFUE, tinkiseb is-sospensjoni tal-eżekuzzjoni, minn naħa, tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/18/PESK, tal-14 ta' Jannar 2011, li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/656/PESK li ġġedded il-miżuri restrittivi kontra l-Côte d'Ivoire (ĠU L 11, p. 36), u, min-naħa l-oħra, tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 25/2011, tal-14 ta' Jannar 2011, li jemenda r-Regolament (KE) Nru 560/2005 li jimponi ċerti miżuri restrittivi speċifiċi kontra ċerti persuni u entitajiet minħabba s-sitwazzjoni fil-Côte d'Ivoire (ĠU L 11, p. 1).

### Dispożittiv

(1) Ma fadalx lok li tingħata deċiżjoni fuq it-talba għal miżuri provviżorji.

(2) Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea huwa kkundannat għall-ispejjeż.

### Digriet tal-President tal-Qorti Ġenerali tat-13 ta' Lulju 2011 — Petroci vs Il-Kunsill

(Kawża T-160/11 R)

*(“Proċeduri għal miżuri provviżorji — Politika barranija u ta' sigurtà komuni — Miżuri restrittivi meħuda fir-rigward tas-sitwazzjoni fil-Côte d'Ivoire — Iffriżar ta' fondi — Talba għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni — Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni fil-proċeduri prinċipali — Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni”)*

(2011/C 269/110)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

### Partijiet

**Rikorrenti:** Société nationale d'opérations pétrolières de la Côte d'Ivoire Holding (Petroci Holding) (Abidjan, il-Côte d'Ivoire) (rappreżentant: M. Ceccaldi, avukat)